MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 539/2012

**Saint James Hospital Limited (C 17292)**

**vs.**

**Roy Sharples u Giovanna Sharples**

It-Tribunal

## Preliminari

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuti, flimkien u in solidum, tas-somma ta’ elf mitejn u sebgħa u sittin Ewro (€1267), prezz ta’ akkomodazzjoni u servizzi mediċi mogħtija lill-konvenuta Giovanna Sharples bejn it-tlieta u għoxrin (23) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) u s-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), fuq inkarigu tal-konvenuti, dovuta minnhom

skond *invoice* datata l-ewwel (1) t'April tas-sena elfejn u tnax (2012) ġa mibgħuta lilhom.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ikkontestaw it-talba tas-soċjeta′ attriċi billi eċċepew:

1. L-attur naqas milli jispeċifika fid-dettal għal liema servizzi l-ammont pretiż minnha hu dovut;
2. Il-konvenuta Giovanna Sharples m'irċevietx kura adegwata u ma kienetx assistita skond l-istandards mistennija minn Sptar Privat;
3. Il-konvenuti diġa ħallsu lis-soċjeta′ attriċi għal diversi servizzi prestati minnha;
4. Illi ma jirriżultax li hemm forma konvenzjonali bħala konklużjoni tal-ftehim raġġunt;
5. Illi m'hemmx ftehim u manifestazzjoni tal-kunsens reċiproku relattiv.

Ra illi s-soċjeta′ attriċi talbet l-inverżjoni tal-provi in vista tat-tieni u t-tielet eċċezzjoni sollevati mill-konvenuti, liema talba intlaqgħet minn dan it-Tribunal u l-kawża ġiet differita għall-provi kollha tal-konvenuti.

Ra illi l-konvenuti qatt ma dehru quddiem it-Tribunal u d-difensur tagħhom dehret biss għall-ewwel udjenza;

Ra illi r-risposta tal-konvenuti ma ġietx ippreżentata fit-terminu preskritt mil-liġi iżda wara li dan it-Tribunal laqa' t-talba tagħhom għal estensjoni tat-terminu;

## Provi

Ra illi minkejja li t-Tribunal alloka żewġ seduti għas-smigħ tal-provi tal-konvenuti u cioe tal-1 ta' Frar 2013 u tal-1 ta' Marzu 2013, dawna la dehru u lanqas ipproduċew ebda prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom, u għaldaqstant it-Tribunal iddikjara il-provi tal-konvenuti magħluqa;

Ra d-dokumenti esebiti mis-soċjeta′ attriċi;

Semgħet lis-Sur Albert Micallef jixhed in rappreżentanza tas-soċjeta′ attriċi, fejn fil-kariga tiegħu ta' *General Manager* tal-Isptar ta' Ħaż-Żabbar, huwa spjega x'kienu s-servizzi li ngħatat il-konvenuta Giovanna Sharples meta kienet daħlet fl-istess Sptar tbati minn kondizzjoni akuta ta' Herpes. Oltre kura għal din il-kondizzjoni, hija ngħatat ukoll konsulta għan-nuqqas ta' smigħ tagħha, u konsulti mal-fiżjoterapista rigwardanti l-problema tan-nuqqas ta' mobilita` tal-istess Sharples.

Spjega kif il-kont għas-servizzi kollha mogħtija mis-soċjeta′ attriċi laħaq is-somma ta' elf sitt mija u sbatax-il Ewro (€1617), li minnhom is-soċjeta′ attriċi naqqset is-somma ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) mħallsa mill-konvenuti bħala d-depożitu u għaldaqstant is-somma pretiża mis- soċjeta′ attriċi hija ta' elf mitejn u sebgħa u sittin Ewro (€1267).

Is-Sur Micallef spjega wkoll kif meta ppreżentat bil-kont u cioe d-dokument li kopja tiegħu tinsab fol. 14 tal-proċess, il-konvenut Roy Sharples iddikjara li m'huwiex ser iħallas għaliex is-servizz mogħti lil martu kien medjokri; iżda dana wara li ħalla lil martu tkun rikoverata fl-isptar ġurnata iktar minn dak preskritt mit-tabib kuranti tagħha.

Fil-fatt il-konvenuti ma ħallsux l-ammont pretiż mis-soċjeta′ attriċi u kkontestaw l-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li kopja tagħha inkluż ir-risposta, hija esebita fol. 22 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra illi s-soċjeta′ attriċi ippruvat sodisfaċentement it-talba tagħha u jirriżulta li l-konvenuta Giovanna Sharples ingħatat kura medika fl-isptar St. James ta' Ħaż-Żabbar, iżda ma ħallsitx dak minnha dovut għas-servizzi li ngħatat.

Rigward l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuti rigward is-servizz mhux skond l-istandards mistennija minn sptar privat, it-Tribunal qiegħed jikkonsidra dak li xehed il-

general manager tal-isptar, liema xhieda m'hijiex kontradetta, illi fl-ewwel lok, il-konvenuti qatt ma lmentaw dwar is-servizz li kienet qed tingħata Giovanna Sharples, għajr meta ġie ppreżentat il-kont lilhom, u fit-tieni lok il-fatt li l-istess Sharples, baqgħet l-isptar għal ġurnata iktar minn dak preskritt mit-tabib kuranti tagħha Dr. Farrugia Agius. Fil-fehma tat-Tribunal, dan l-aġir inaqqas mill-kredibilita′ tal-konvenuti fir-rigward tal-eċċezzjonijet tagħhom, liema eċċezzjonijet mhumiex korroborati minn xi provi.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi, jiċħad l-eċċezzjonijet sollevati mill-konvenuti u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti, flimkien u in solidum, iħallsu lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elf mitejn u sebgħa u sittin Ewro (€1267), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fit-30 ta' Mejju 2012 u numerata 1161/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenuti, flimkien u in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------